# Tifkiriet tal-imgħoddi

*William Scicluna*

## Il-Karru tal-Mejtin

Fl-imgħoddi ma kienx hawn trasport bħal tal-lum, imma kien trasport bil-bhejjem, bħal żwiemel u ħmir. Għalhekk jiena ser nikteb fuq dan li ġej: karrijiet tal-mejtin, karozzelli u karrozzin.

Missieri, Joseph Scicluna, kellu karru tal-mejtin. Ma kienx hawn bħalu f'Malta.

Kien karru magħruf bħal "tal-irjus." Kien kollu skultura indurata bid-deheb u ħġieġ bid-disinn indurat. Iż-żwiemel kont tlibbishom għall-okkażjoni. Dan il-karru kien ta' prima klassi u ntuża saħansitra għall-funeral ta' Sir Gerald Strickland.

Żewġt iżwiemel kienu jntużaw biex jiġbdu l-karru. Dawn kienu żewġt iżwiemel intelliġenti, jisimhom Happy u Blackie. Dan il-karru u l-karozzella kienu jinżammu f'remissa fi Triq il-Kbira, Ħal Balzan, u ż-żwiemel fir-razzett faċċata.



Meta bdew il-karozzi ma kienx għad fadal xogħol għal dawn il-karrijiet. Għalhekk missieri biegħhom lil wieħed mill-Imsida, u wara ftit taż-żmien biegħ ukoll il-karru lil xi ħadd mill-Awstralja.



## Il-Karozzella

Din il-karozzella kienet tintuża għat-tiġijiet. Kienet tieħu lill-għarusa għall-knisja u wara tieħu lill-għarajjes għal festin f'xi sala. Kienet tkun imżejna bil-fjuri u bil-pjuma fuq ras iż-żwiemel. L-istess karozzella kienet tintuża għall-funerali, flok il-karozza tal-qassis tal-lum. Din kienet waħda mill-karozelli li kellu Ġużeppi Scicluna. Fir-ritratt li jidher fuq x-xellug, hemm Ġużeppi Scicluna u ibnu William, missier Joseph is-sagristan, ftit wara l-gwerra.

## Il-Karnival

Dawn huma xi membri tal-każin tal-banda San Gabriel li kienu ħadu sehem fil-karnival tal-1952. Il-karru tal-karnival kien jismu 'Fish and Ties'.

